ŻEBBUĠ

**Minuti tas-Seduta Nru. 63/2011 tal-21 ta' Frar 2011**

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: it-Tnejn 21 ta' Frar 2011**

**Ħin: Fl-8:30 ta' filgħodu**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Bajada – Deputat Sindku**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sur Carmelo Grima – A/Segretarju Eżekuttiv.**

**Is-Sur Harry Debono avża li ma jiflaħx. Kien skużat.**

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku Carmelo Saliba.

**TALBA**

Il-Laqgħa bdiet bit-talba mis-Sindku.

**APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI**

Il-Minuti tal-laqgħa preċedenti ġew ikkoreġuti kif jidher hawn taħt:-
Paragrafu (3) tal-Punti mqajma mill-minuti tal-laqgħa preċedenti irid jaqra "Is-Sur Joseph Camilleri staqsa għas-CVs ta' Tnejn mill-bidders għall-post ta' perit tal-Kunsill u s-segretarju kkonferma li kien hemm dokumenti li hu ma kienx rahom iżda li fil-fatt kienu fil-File. Is-segratarju qal li fuq dak li ġara, għal quddiem ser jagħmel nota biex ħadd ma jżid dokumenti mal-offerti"

Il-paragrafu Arka Foundation irid jiżdied miegħu dan li ġej: "Il-Viċi Sindku Joe Bajada staqsa kemm jirrikjedu spejjeż fi skrataċ u materjal ieħor, individwalment biex jipparteċipa fl-isparatura."

Il-Minuti wara li sar dan it-tibdil ġew iffirmati.

**Punti mqajma mill-minuti tal-laqgħa preċedenti**
Tender għal servizz ta' perit. Is-Sindku ppropona li t-3 membri tal-kumitat għall-għażla ta' perit tal-Kunsill ikunu Avukat bħala Chairman, u żewġ periti. Is-Sur Victor Refalo qal li ladarba il-Kunsill kien iddeċieda li nagħżlu 3 periti għandha tibqa' kif ġie deċiż. Il-Kunsill iddeċieda li nibqgħu fuq id-deċiżjoni oriġinali i.e. 3 periti.

**Approvazzjoni tal-Minuti tal-Kumitat Amministrattiv ta' Marsalforn.**
Billi dawn il-minuti kienu mibgħuta minn qabel, ġew meħuda bħala moqrija.

**Talba ta' Eddie Vella għal attivita fix-Xwejni**
Il-Kunsill iddiskuta it-talba ta' Eddie Vella għal attivita fix-Xwejni fis-27 ta' Frar u fis-17 ta' Marzu u iddikjara li dment li jkun għadu Off Season il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għat-talba ta' Vella iżda għandna ninfurmawh li permessi fil-peak season ma jistgħux jingħataw. Dan biex ikun jaf minn qabel.

**Korrispondenza**
Email minn Eddie Vella – Attivita fil-Bajja tax-Xwejni fis-27 ta' Frar u oħra fis-17 ta' Marzu
Ittra mingħand L-Av. Carmelo Galea & Associates – Power Sound
Email mingħand Galea Curmi Eng Cons. – Fanali Dekorattivi fiż-Żebbuġ – ara deċiżjoni aktar 'l isfel tal-minuti.

**Ktieb Mitħna ta' Kola**
Il-Kunsill irċieva reklam għal Ktieb il-Mitħna ta' Kola. Il-Kunsill deherlu li dan hu ktieb interessanti u ser jordna 10 kopji ta' dan il-Ktieb għal-Librerija u l-Kunsill. Il-prezz hu ta' Ewro 6.95.

**Servizz ta' On-Line Library**
Il-Kunsill għandu għażla biex jew jieħu dan is-servizz mill-iskola tal-Gvern jew jgħaddi linja tat-telefon separata. Is-Segretarju qal li biex nieħdu servizz mill-iskola irridu ngħaddu l-cables mill-iskola sal-Librerija u s-surmast qed jaraha li ser ikerrah il-kuritur bit-trunking. Barra minhekk is-servizz ikun jiddependi mis-server tal-iskola u rridu nonfqu 'l fuq minn Ewro 500. Jekk ngħaddu linja tat-telefon għalina ma nħallsux dawn il-500 ewro iżda rridu nħallsu s-servizz ta' madwar 130 ewro fis-sena. Il-Kunsill iddeċieda li napplikaw għal linja separata.

**Power Sound**
Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u wara ftit minuti ssospenda l-laqgħa biex jagħti ċans lil Ronnie Dimech tal-Power Sound biex jagħti l-verżjoni tiegħu wara li kiteb lill-Kunsill bl-avukat. Is-Sur Dimech iddikjara li l-Kunsill kien ordna li qabel l-attivita Għeruqna jsiru r-rehearsals u ħatru Direttur lil Ray Mangion u approva ix-xogħol li kellu jsir. Hu kompla jgħid li x-xogħol i.e. ir-rehearsals mitluba saru u saru skont ir-rikjesti fiċ-ċirkustanzi u għalhekk qed jitlob li jitħallas. Ronnie ddikjara li ma kellux xi jżid ma' din id-dikjarazzjoni.

Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u wasal unanimament għall-konklużjoni li ladarba ix-xogħol kollu sar u sar skont ir-rekwiżiti l-Kunsill għandu jħallas dan il-kont.

**Fanali dekorattivi**
Il-Kunsill approva unanimament li jiġu stallati fanali dekorattivi fi Triq Għajn Mhelhel, Triq l-Għażżiela u Triq il-Madonna taċ-Ċiċri, fiż-Żebbuġ.

**Karnival 2011**
Il-Kunsill iddiskuta l-Karnival għal din is-sena u għamel draft tal-attivitajiet li bi ħsiebu jagħmel. Fost l-oħrajn il-Kunsill qabel li jkun hemm dawn l-items:-
Preżentatur: Kav. Joe M. Attard. Dan ser jagħmilha ta' Ġudikatur flimkien ma' 2 oħra u jingħataw €50 kull ġudikatur
Armar: Dan ix-xogħol ingħata lil Għaqda tal-Armar ************.
Tazzi: Ġew ivvutati €150
Kostumi bla Foam: l-ewwel, it-Tieni u t-tielet post
Kostumi bil-Foam: l-ewwel, it-Tieni u t-tielet post
Maskarati: l-ewwel, it-Tieni u t-tielet post
Karrijiet: ġew ivvutati €600
Ta' Cini Band: ġew ivvutati €100

Banda: Santa Marija taż-Żebbug: ġew ivvutati €900
Synergy Band: ġew ivvutati €200
Christian Saliba: ġew ivvutati  €100
Marita Caruana: ġew ivvutati €150
J.A. Dancers: ġew ivvutati €70
Josephine Farrugia: ġew ivvutati €70
Ronnie Dimech Dawl u Sound: ġew ivvutati €950
Marlene Muscat: ġew ivvutati €70
Marisa D'Amato u l-Grupp tagħha: ġew ivvutati €300
Għaq Dilettanti tal-Karnival: ġew ivvutati €250
Laħam għall-Kukkanja: Jinxtara mingħand Alfred Cefai

**Lwien ir-Rebbiegħa**
Il-Kunsill iffissa d-data tas-16 u 17 ta' April għal din l-attivita. Ġew diskussi xi materji bħan-nar u kantanti iżda ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni.

Il-laqgħa ntemmet fl-10:30am

| | |
|---|---|
| **Carmelo Saliba CLJ MMLJ** | **Carmelo Grima** |
| ***Sindku*** | ***A/Segretarju Eżekuttiv*** |